MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1259/2003

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Stephen Caruana u l-istess Stephen Caruana**

**Vs**

**Raymond Mifsud**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm409.74 (erba' mija u disa' liri Maltin u erba' u sebghin centezmu) danni kkagunati f'vettura CAD 835 wara habta nhar it-28 ta' Awissu 2002 f'San Gwann ma vettura GAA875 misjuqa mill-konvenut inkluzi Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) excess.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni, inkluz tal-ittri ufficjali datati 16 ta' Jannar

2003 u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fid-09 ta’ Frar 2004 u naqas li jidher meta gew ipprezentati l-kapitoli fit-04 ta’ Marzu 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------